MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 1205/1999/1

**Charles A. Micallef & Co. Ltd.**

**vs**

**Joseph Brown**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Awissu, 1999, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma tmien mija u sitta u tmenin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm886.61) bilanc ta' somma akbar prezz ta' "lighting equipment" u set tat-television mibjugh u kkonsenjat lilu.
Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Gunju, 1999, u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment, u bl-imghax legali mill-1 ta' Settembru 1998, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta’ ntegrita tal-gudizzju billi ma gietx imharrka mart l-esponent;
2. Bla pregudizzju ghas-suespost, il-preskrizzjoni tat-talbiet attrici a tenur tal-artikolui 2148(b) tal-kodici Civili;
3. Bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta tul it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali fejn il-konvenut kellu l-beneficcju ta’ kont kurrent miftugh ghall-merkanzija illi kien jixtri mighand is-socjeta’ attrici.

Charles Adrian Strickland illi kien direttur tas-socjeta’ attrici xehed illi l-hlas li qieghed jintalab fl-avviz jirrizali ghall-merkazija illi giet ikkonsenjata bejn is-7 ta’ Jannar, 1997, u l-25 ta’ April, 1997. Il-konvenut kien qieghed jaghmel xi pagamenti u l-ahhar wiehed kien fl-20 ta’ Jannar, 1998.

Fil-mori ta’ din il-kawza, s-socjeta’ attrici biddlet lix-share holders taghha u giet akkwistata minn Mizzi Group, pero’ s-socjeta’ Charles Micallef & Co, ghadha tezisti pero’ m’hijiex qed topera kummercjalment (fol.24).

Qabel ma’ l-Qorti tghaddi oltre, trid tiddisponi mill-eccezzjonijiet preliminarji mqajjma mill-konvenut. L-ewwel wahda tirrigwarda l-mara tieghu, fejn il-konvenut qieghed jilmenta dwar in-nuqqas ta’ l-integrita’ tal-gudizzju billi ma gietx imharrka.

Il-Qorti tirrileva li din il-kawza tirrigwarda operazzjoni kummercjali rigward in-negozju ta' l-istess konvenut. F'dan il-kaz, il-konvenut wahdu jista' jirraprezenta n-negozju tieghu u m'ghandux ghalfejn idahhal lill-mara sabiex tassistih. Ghalhekk, il-kawza fil-konfront tieghu biss hija valida u l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tmur oltre.

Ghal dak illi jirrigwarda t-tieni eccezzjoni, l-konvenut qieghed ipoggi ostakolu ghall-azzjoni attrici fil-kuntest ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, illi jippreskrivi terminu ta' tmintax-il xahar ghall-azzjonijiet in konnessjoni ma' kawzi ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti u hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut.

Irrizulta mill-provi illi huwa minnu li l-merkanzija giet ikkonsenjata lill-konvenut giet mibjugha b'dak it-titolu (fol. 13). Skond ix-xhieda tad-direttur Charles Strickland l-ahhar kreditu favur il-konvenut jirrizal ghall-20 ta' Jannar, 1998. Saret ittra ufficjali fl-4 ta' Gunju, 1999, u l-kawza gietipprezentata fil-11 ta' Awissu, 1999.

Il-Qorti ma gietx ipprovduta b'kopja ta' l-ittra ufficjali u ghalhek ma tistax tghid jekk dina gietx notifikata lil-konvenut jew le. Tibqa' l-kawza, pero' li giet ipprezentata fil-11 ta' Awissu, 1999. Minn din id-data jidher illi ghaddew it-tmintax-il xahar bejn l-ahhar pagament u cioe' fl-20 ta' Jannar, 1998, u l-prezentata ta' l-avviz. Irrizulta pero' illi fil-mori ta' din il-kawza l-konvenut ghamel xi pagament. Tant hu hekk illi b'nota tat-23 ta' Gunju, 2003, giet ridotta c-cifra wara pagament akkont tal-konvenut. Dan il-pagament jinterrompi l-preskrizzjoni ghax huwa meqjus bhala rikonoxximent tad-dejn.

Fil-kawza <u>Emanuel Sammut vs Anthony Vella</u> deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Mejju, 1995, il-Qorti affermat il-principju li l-preskrizzjoni estentiva tigi nterrotta bil-pagament ta' parti mill-ammont illi jkun qieghed jigi mitlub mill-attur. Dana huwa proprju dak ill-gara f'dan il-kaz, fejn il-pagament illi ghamel il-konvenut fil-mori ta' din il-kawza nterrompa l-perjodu preskrittiv imsemmi mill-istess konvenut fl-eccezzjoni tieghu.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, apparti s-somma mitluba fl-avviz wara nkontru bejn il-partijiet, gietipprezentata nota fit-23 ta’ Jannar, 2003, fejn ic-cifra giet ridotta ghall-hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550).

Il-konvenut fl-ebda hin ma kkontesta l-ahhar cifra u ghalhekk il-Qorti trid tiehu din in konsiderazzjoni kif ulterjorament ridotta bin-nota fuq imsemmija tat-23 ta’ Gunju, 2003.

Ghal dawn il-motivi:
Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut illi jhallasha l-ammont ta’ hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm520) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ ‘lighting equipment’ u set-tat-television lilu mibjugh u kkonsenjat.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data ta’ din is-sentenza kontra l- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------